MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 175/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Sabrina Cordina, bint Peter u Carmen nee` Aquilina, imwielda nhar it-23 ta’ Settembru 1989 gewwa Pieta u residenti ‘Lorant’ Triq Wenzu Dyer, Birgu, Detentrici tal-karta ta’ Identita 438189M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata bejn it-8 ta’ Jannar 2012 u l-20 ta’ Jannar 2012 minn gewwa Arcadia Supermarket fi Triq il-Knisja, San Giljan, ikkommettiet serq ikwalifikat bil-persuna, serq li flimkien jammontaw ghal ammont ta’ ewro 161.54 ghad-dannu ata’ Arcadia Marketing Ltd, u dan bi ksur tal-Kapt 9, art 18 u 261(d) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata iddispjaciha ghal dak li ghamlet u lesta li tirrifondi l-flus mehuda indebitament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(d), 268(c) u 18 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha  izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Finalment wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputata thallas lil Arcadia Marketing Ltd is-somm ta’ mija u wiehed u sittin euro u erba’ u hamsin centezmu u dan fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------